SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTAX**

**27 ta' Jannar, 2011**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, il-Viċi Sindku David Dalli, u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Neville Mallia u Mikhail Micallef.

Kienet ukoll preżenti il-Membru Janet Barthet f'isem iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Xejn

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis ippresjeda.

Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill unanimament qabel li tinbidel l-ordni tal-ġurnata billi jibda jiddiskuti mit-tieni *item* fuq l-aġenda.

**16.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

16.2.1 Wara proposta mressqa mis-Sindku sabiex il-Kunsill jifforma parti mill-Fondazzjoni Majjistral *Action Group* sabiex ikun jista' jibbenefika minn fondi tal-UE, kien hemm qbil unanimu li ssir laqgħa ma' rappreżentant ta' din il-Fondazzjoni qabel il-Kunsill jieħu d-deċiżjoni tiegħu.

16.2.2 Wara li kienu ppreżentati żewġ petizzjonijiet fir-rispett tal-parkeġġ li jinsab regolat bir-regolamenti dwar parkeġġ ikkontrollat, il-Kunsill unanimament qabel li mhux f'pożizzjoni li jilqa' t-talbiet li saru.

16.2.3 Il-Kunsill kien infurmat li s-sottomissjoni tal-Kunsill għall-iskema tal-Awtorita' tad-Djar kienet ġiet mibgħuta, fejn kien ippreċiżat li dan se jiffoka fuq Misraħ Awrikarja, filwaqt li se ssir stima differenti għal bankini li kienu fiż-żona.

16.2.4 Il-Kunsill kien mgħarraf bir-rapport tekniku li kien ħejja l-Perit tal-Kunsill dwar l-offerta taħt l-iskema PPP għal Triq Bellavista, fejn kien hemm qbil li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiltaqgħu mas-Segretarju Parlamentari dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' dan il-proġett.

16.2.5 Il-Kunsillier Neville Mallia ħareġ mil-laqgħa. (5.55pm)

16.2.6 Dwar każ ta' ilment f'sistema tad-drenaġġ ta' residenza privata, il-Kunsill qabel li wara verifika li ssir mal-kundizzjonijiet tal-offerta, jitwettqu xogħlijiet fis-sistema ta' drenaġġ ta' residenza li tinsab fi Triq il-Qasab.

16.2.7 Il-Kunsillier Neville Malla daħal lura għal-laqgħa. (6.05pm)

**16.3 Laqgħa Annwali tal-Lokalita'**

16.3.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa annwali tiegħu kif ukoll dik tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara jinżammu nhar it-Tlieta 22 ta' Frar, 2011.

16.3.2 Il-Kunsill qabel ukoll li tissejjaħ laqgħa ad hoc fis-7 ta' Frar, 2011 sabiex tapprova l-Estimi Finanzjarji għal 2011 u li seduta tal-Kunsill issir fil-21 ta' Frar, 2011.

## 16.4 Talbiet għall-Ħlas għal Inċidenti fit-Toroq

16.4.1 Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li tinħatar kummissjoni sabiex tevalwa d-diversi talbiet li saru fir-rispett ta' ħsarat ikkaġunati lil vetturi minħabba allegat kundizzjoni ħażina ta' xi triq fil-lokalita'.

16.4.2 Il-Kunsill unanimament qabel li din tkun iffurmata mis-Sindku u l-Kunsilliera Rita Saliba, Joan Farrugia, Marica Bayliss u Neville Mallia.

## 16.5 Korsijiet *Lifelong Learning* fl-Iskola Primarja

16.5.1 Il-Kunsill ikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-ħlas mitlub mill-Iskola Primarja ta' San Ġwann sabiex tiġi ospitata l-iskema ta' taħriġ taħt il-proġett *Lifelong Learning*.

16.5.2 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li t-talba għal ħlas issa kienet riveduta u li se tilħaq għal €3,500 minflok is-somma oriġinali ta' €4,700.

16.5.3 Il-Kunsill kien infurmat li l-ispejjeż l-oħra għal dan it-taħriġ se jiġu pprovduti mill-Gvern Ċentrali u jlaħħqu għal madwar €14,000.

16.5.4 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

16.5.5 "Il-Kunsill japprova li jikkontribwixxi mill-fondi tiegħu s-somma ta' €3,500 sabiex ikun jista' jitwettaq il-proġett *Lifelong Learning* f'San Ġwann."

16.5.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u għaddiet bi tmien voti favur u astenzjoni.

## 16.6 Sitwazzjoni tal-Istaff tal-Kunsill

16.6.1 Wara li l-Kunsill ġie mgħarraf li s-Segretarju Eżekuttiv kien irċieva r-riżenja ta' waħda mill-uffiċjali, u kien hemm qbil unanimu li ssir sejħa għal ingaġġ ta' uffiċjal fl-istess grad.

## 16.7 Proċess ta' Ingaġġ ta' Impjegat

16.7.1 Il-Kunsill kien mgħarraf li se jinbeda l-proċess skont kif titlob il-liġi għal ingaġġ ta' Assitent Prinċipal fi skala 11 skont it-termini tar-Regolamenti tar-Riżorsi Umani.

16.7.2 Il-proċess kien jinvolvi sejħa nterna fost l-impjegati tal-Kunsill u skont ir-riżultat tagħha toħroġ sejħa nterna għall-impjegati tal-Kunsilli Lokali.

16.7.3 Fl-eventwalita' li mill-ebda sejħa nterna ma jinstab kandidat li jista' jimla' l-vakanza, jintalab il-permess tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ sabiex isir avviż pubbliku.

## 16.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet

16.8.1 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ma jsirx bdil fil-post tas-sit tal-*Bring-In Site* fi Triq l-Iskola.

16.8.2 Il-Kunsill qabel li jinforma lil awtorita' kompetenti sabiex isiru sinjali adekwati li juru lil pubbliku fejn jinsab it-Tribunal Lokali.

16.8.3 Wara diskussjoni fuq in-*noticeboards* tal-Kunsill, l-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici aċċetta li jkun responsabbli minnhom.

16.8.4 Il-Kunsill ma qabilx li jsiru *parking bays* fi Triq San Pawl u Triq il-Korvu.

16.8.5 Il-Kunsill qabel li jsiru talbiet lil *Transport Malta* (TM) għal proposti ta' mmaniġjar tat-traffiku fi Triq Wied Għollieqa, Triq Ta' Marmora' u Misraħ Ċentawrja filwaqt li ma approvax li jsiru *traffic calming measures* fi Triq il-Bruka.

16.8.6 Il-Kunsill qabel li tinħareġ *"request for information"* għall-istallazzjoni ta' sistema ta' *CCTV* f'San Ġwann.

16.8.7 Wara li l-Kunsill kien infurmat li l-Iskola Primarja A kienet se titlob lil Kunsill għal għajnuna finanzjarja fuq proġetti ta' manutenzjoni fl-iskola, kien hemm qbil unanimu li jiġi kkomunikat lilhom illi tali talba għandha ssir lil Ministeru tal-Edukazzjoni u li l-Kunsill jagħti l-appoġġ tiegħu sabiex il-proġetti jitwettqu kemm jista' jkun malajr.

16.8.8 Il-Kunsill qabel li jsiru xogħlijiet żgħar fuq bankina fi Triq San Ġużepp.

16.8.9 Il-Kunsill iddiskuta l-pożizzjoni tal-*bring-in site* fi Triq Ġjaċinti, fejn kien imsemmi li dawn li dawn qed ikunu ta' nkonvenjent għal min ikun fuq il-*bus stop*.

16.8.10 Il-Kunsillier Violet Bajada ressqet din il-mozzjoni:

16.8.11 *"Il-Kunsill jaqbel li l-bring in-site fi Triq Ġjaċinti titneħħa minn fejn tinsab u titla' iktar 'il fuq fid-direzzjoni ta' Triq il-Fuxa."*

16.8.12 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet b'erba' voti favur u ħames astenzjonijiet.

16.8.13 Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża għal ħames minuti. (7.30pm sa 7.35pm)

16.8.14 Il-Kunsill qabel li terġa ssir notifika lil TM dwar il-proposti li kien ressaq għal diversi toroq inkluż dawk għal Triq tal-Mensija u Triq Ta' Gawdieri.

16.8.15 Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jsiru *staple bollards* fi Triq in-Naxxar fejn għandu jinġieb il-permess ta' TM u l-*HSBC* peress li se jkunu fil-viċinanza tal-fergħa tagħhom f'San Ġwann.

16.8.16 Il-Kunsill qabel li jikkumissjona lil Perit tal-Kunsill sabiex iħejji rapport dwar l-istat ta' Triq Alessio Xuereb.

16.8.17 Il-Kunsill qabel ma' proposta li jsir *trackless train* li se jiġi organiżżat mill-istabilliment kummerċjali *"Once upon a time"*.

16.8.18 Il-Kunsill unanimament ma qabilx li jinbidel is-sit tal-*bins on wheels* li jinsabu fi Vjal in-Naspli.

16.8.19 Il-Kunsill qabel li tinħareġ kwotazzjoni għal kiri ta' garaxx li jesa' żewġ karozzi.

16.8.20 Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa mal-Bord li aġġudika l-applikazzjonijiet taħt l-iskema tal-attivitajiet, wara li dan informa lil Kunsill li mhux se jingħataw fondi peress li ma humiex attivitajiet tradizzjonali.

16.8.21 Il-Kunsill qabel li l-attivitajiet tradizzjonali kif proposti isiru xorta waħda, fejn ikun imfittex finanzjament minn *sponsors*, bil-programm tal-Karnival isir kif ippjanat filwaqt li tiġi

esplorata l-possiblita li l-attivita' tal-ġbejniet u tradizzjonijiet Maltin tiġi amalgamata ma' Jum San Ġwann.

16.8.22 Il-Kunsill qabel li ssir proposta lil Kunsilli Lokali sabiex ikun hemm mawriet fl-attivitajiet kulturali li jsiru mil-lokalitajiet rispettivi.

16.8.23 Il-Kunsill kien infurmat li ntbagħtu bosta ittri lil residenti li kellhom siġar li qed ikunu ta' nkonvenjent lil min juza' triq pubblika.

16.8.24 Il-Kunsill approva deċiżjoni meħuda b'urġenza mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex fuq talba tal-Pulizija ġew imneħħija diversi vetturi minn kumpanija privata, liema servizz jlaħħaq għal €200.

16.8.25 Il-Kunsill kien infurmat li se ssir laqgħa ma' rappreżentanti tal-*IPSL* sabiex isiru diversi xogħlijiet ta' manutenjzoni fil-lokalita'.

16.8.26 Wara li kien ikkunsidrat li parti sostanzjali minn Triq Vinċenzo Galea mhux vijabli li jsir tiswija tagħha bit-tarmak, kien hemm qbil unanimu li x-xogħlijiet jiġu kkummisjonati lil *IPSL* fejn il-Kunsill iħallas biss għal materjal biex din tingħata wiċċ bil-konkos.

16.8.27 Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet għas-servizz ta' *handyman*.

16.8.28 Il-Kunsill approva li jinbdew ix-xogħlijiet ta' tiswija ta' diversi toroq fuq l-istima mħejjija mill-Perit tal-Kunsill li kienet approvata u li tlaħħaq għal madwar €6000, liema xogħlijiet se jsiru mill-kuntrattur tal-Kunsill *Dimbors Limited*.

16.8.29 Il-Kunsill qabel li jsiru urġentament ix-xogħlijiet neċessarji sabiex ikun hemm aċċess aħjar għal *public toilet* għal persuni b'diżabilita'.

16.8.30 Il-Kunsill qabel li tinħareġ kwotazzjoni għax-xiri ta' vettura *second hand*.

## 16.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti

16.9.1 Il-Kunsill ikkunsidra l-iskedi tal-pagamenti numru 34 u 35, kif ukoll skeda ta' pagamenti numru 36 li ġiet ippreżentata waqt

il-laqgħa u li kopja tagħhom hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "16A" sa "16Ċ".

16.9.2 Wara diskussjoni kien inottat *misprint* fl-iskeda tal-pagamenti magħmula numru 34 fejn kien irrimarkat li dan seħħ ukoll fi skeda numru 31, fejn kien hemm qbil li dawn jiġu aġġornati u mibgħuta mill-ġdid.

16.9.3 Fir-rigward tal-pagament numru 45 il-Kunsill unanimament qabel li dan jiġi vverfikat kif ukoll jara jekk hemmx il-ħtieġa li tinħareġ is-sejħa mill-ġdid għas-servizz tal-librara.

16.9.4 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici ressaq din il-mozzjoni:

16.9.5 *"Il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti numru 34, 35 u 36 kif imressqa."*

16.9.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

16.9.7 Il-Viċi Sindku semma li l-approvazzjoni tiegħu għall-Iskeda kienet suġġetta għal astenzjoni fuq kont numru 4 ta' skeda numru 36.

**16.10 Data tas-seduta li jmiss**

16.10.1 Fit-8.30 ta' filgħaxija, s-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 7 ta' Frar, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ Marzu, 2011

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello DuPuis | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |